

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2008/2009(INI)**

31.3.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea  
(2008/2009(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sérgio Marques

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Japprova d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tiżviluppa politika marittima integrata ħalli taffaċċja l-isfidi tal-bidla fil-klima, (inter alia bl-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-enerġija marittima), il-globalizzazzjoni, l-iżvilupp reġjonali, il-kompetittività, il-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar u s-sikurezza u s-sigurtà, u waħda li tinkorpora ħafna mill-ideat mogħtija mill-Parlament;
2. Jilqa' wkoll ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2007 bil-għan li l-politika marittima tkun adattata għal fatturi speċifiċi varji ta' l-Istati Membri u r-reġjuni marittimi, inklużi r-reġjuni ta' mal-kosta, il-gżejjer, u r-reġjuni l-iktar imbiegħda;
3. Iqis li l-involviment ta' msieħba reġjonali u lokali huwa essenzjali sabiex il-politika marittima tkun ta' suċċess; isostni, għalhekk, li għandu jkun hemm koperazzjoni u rabta akbar bejn ir-reġjuni kostali Ewropej, u li dan jista' jinkiseb bil-promozzjoni ta' strateġiji koordinati li jkattru l-iżvilupp u l-kompetittività u billi jkun hemm rabta aktar effettiva bejn il-livelli differenti ta' governanza;
4. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-komunikazzjoni tagħha dwar Politika Marittima Integrata (COM(2007)0575) u fid-dokumenti li jakkumpanjawha (SEC(2007)1278), (SEC(2007)1279) u (SEC(2007)1280) u b'mod partikolari fl-istrateġija tal-Kummissjoni biex ittaffi l-effetti tal-bidla tal-klima fuq reġjuni marittimi u l-effetti konkomitanti fuq it-turiżmu; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' adattament ulterjuri għal din l-istrateġija li jippermettu l-fatturi speċifiċi ta' reġjuni marittimi;
5. Jinnota li l-politika marittima futura hija ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp pożittiv fil-ġejjieni tar-reġjuni ta' mal-kosta, il-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda ta' l-UE; jinnota li t-twessigħ ta' l-ambitu tal-politika marittima biex tinkludi t-turiżmu fiż-żoni kostali tkun innovazzjoni ċentrali għall-iżvilupp u l-koeżjoni ta' dawn ir-reġjuni;
6. Jenfasizza l-irwol prinċipali li l-awtoritajiet reġjonali u l-komunitajiet kostali se jkollhom fl-implimentazzjoni tal-politika marittima integrata l-ġdida u fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew li ġej min-naħa tal-Kummissjoni, dwar l-attività ekonomika li għandha x'taqsam mal-baħar; jenfasizza l-importanza ta' infrastruttura tat-trasport ta' kwalità tajba u jenfasizza l-effetti pożittivi tagħha fuq il-kwalità tal-ħajja u l-industrija tat-turiżmu; f'dan ir-rigward, jistieden lil daww kollha kkonċernati biex jaħdmu b'mod effiċjenti sabiex jiżguraw l-użu ottimali tal-fondi ta' żvilupp;
7. Jiġbed l-attenzjoni għall-effett fuq l-ekosistemi lokali taż-żieda fl-attività ekonomika u tat-turiżmu fir-reġjuni kostali flimkien ma' żieda fil-forom kollha ta' trasport; jilqa' b'sodisfazzjon għalhekk l-iżvilupp ta' politika marittima integrata li tindirizza dawn il-problemi; jistieden ulterjorment għal għbir aħjar tad-dejta fir-rigward tas-settur marittimu u r-reġjuni kostali;

8. Jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni ta' ġabra ta' linji gwida għall-Istati Membri dwar it-tfassil ta' politiki marittimi integrati nazzjonali u r-rapporti annwali dwar l-UE u l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri f'dan ir-rigward; jirrakkomanda li l-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni kostali, li għandhom għarfien essenzjali u rwol ewlieni f'dan il-qasam, jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv u għall-benefiċċju ta' kulħadd;
9. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-kompetenza ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam, jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ppjanar spazjali marittimu mill-Istati Membri; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, territorjali u ambjentali jkunu evalwati u bbilanċjati sew;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex toħloq spazju ta' trasport marittimu Ewropew mingħajr fruntieri, flimkien ma' strateġija għat-trasport marittimu komprensiv għall-2008-2018;
11. Isostni li spazju ġenwin għat-trasport marittimu Ewropew mingħajr ostakoli jeħtieġ li r-reġjuni kostali, il-gżejjer, u r-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-UE jkunu aktar sikuri mil-lat tas-sostenibilità ta' l-iżvilupp u ta' l-ambjent;
12. Jinnota li d-dimensjoni marittima eċċezzjonali, li jgħibu fl-UE r-reġjuni kostali, il-gżejjer u r-reġjuni l-aktar imbiegħda, toffri opportunitajiet uniċi fir-rigward ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent, il-bijodiversità, l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi li għandhom x'jaqsmu mal-baħar u oqsma oħra, u li l-politika marittima integrata futura trid tikkapitalizza fuq dawn l-opportunitajiet; jirrikonoxxi x-xewqa li jinħolqu ċentri ta' eċċellenza u jirrakkomanda li ċ-ċentri universitarji ta' riċerka li diġà jeżistu fiż-żoni kostali jingħataw inkoraġġiment u appoġġ;
13. Fid-dawl ta' l-aċċidenti reċenti rigward it-tankers taż-żejt, u l-ħsara ambjentali li kkawżaw, jenfasizza l-bżonn ta' linji gwida ċari dwar it-tbaħħir u ta' koperazzjoni internazzjonali mmirata lejn it-tħeġġiġ ta' pajjiżi terzi biex japplikaw l-istess regoli jew simili;
14. Isostni li l-politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-fondi tagħha stess, filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi attwali tar-reġjuni varji involuti;
15. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-Ewropa marittima, filwaqt li toħloq l-immagnaġni ta' Ewropa responsabbli u dinamika impenjata fil-ħarsien u l-promozzjoni ta' l-ibħra mhux biss fir-rigward tal-barranin, iżda anki fi ħdan l-UE nnifisha;
16. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-qawwa tal-mewġ bħala sors nadif ta' enerġija alternattiva u jistieden lill-Kummissjoni biex tqis din il-forma ta' enerġija fil-pjanijiet ta' azzjoni futuri;
17. Jiddispijaċih u huwa sorpriż li fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-'Programm Leġiżlattiv u ta' 'Ħidma tal-Kummissjoni 2008' – COM (2007)0640 – il-Kummissjoni injorat li tkopri l-miżuri tal-politika marittima li jridu jittieħdu fl-2008, nuqqas li jmur kontra l-fatt li l-Kummissjoni issa għandha Pjan ta' Azzjoni għall-politika marittima.



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	27.3.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alfonso Andria, Emmanouil Angelakas, Stavros Arnautakis, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Antonio De Blasio, Bairbre de Brún, Petru Filip, Gerardo Galeote, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Pedro Guerreiro, Jim Higgins, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Sérgio Marques, Miguel Angel Martínez Martínez, James Nicholson, Markus Pieper, Bernard Poignant, Pierre Pribetich, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszevska, Dimitar Stoyanov, Margie Sudre, Kyriacos Triantaphyllides, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Vladimír Železný
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bernadette Bourzai, Jan Březina, Emanuel Jardim Fernandes, Francesco Ferrari, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Zita Pleštinská, Samuli Pohjamo, Christa Prets, Richard Seeber